MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF
GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tat-30 ta' Lulju, 2010

Appell Civili Numru. 75/1992/1

**Michael Camilleri u b'digriet tas-6 ta' Lulju 2007 il-gudizzju gie trasfuz f'isem Jane Sultana u Carmela sive Karen Camilleri ulied il-mejjet Michael Camilleri stante l-mewt tieghu fil-mori tal-kawza, f'ismu proprju u f'isem ohtu msiefra Vincenza Agius, u b'nota tat-18 ta' April 2007 Vincenza Agius assumiet l-atti tal-kawza peress illi rritornat mill-esteru, Maria xebba Camilleri, u Paola xebba Camilleri, Joseph Camilleri u b'digriet tad-9 ta' Mejju 2006 il-gudizzju gie trasfuz f'isem Pawla armla ta' Joseph Camilleri u ta' wliedha Joseph Camilleri, Natalina mart Joseph Buttigieg, Giacinta mart Paul Sultana, Giovanna sive Jane mart Joseph Theuma u Carmelo Camilleri f'ismu proprju u bhala prokuratur ta' hutu msiefra Peter Camilleri, Raymond**

**Camilleri, Maria mart Frank Azzopardi u Margaret mart Salvu Bajada stante l-mewt tal-attur Joseph Camilleri fil-mori tal-kawza u Salvu Camilleri**

**v.**

**Peter Camilleri u Anthony Camilleri u b'digriet tal-Qorti tal-Appell tad-19 ta' April 2010 Anthony Camilleri gie estromess mill-kawza**

## Il-Qorti:

## Preliminari

Dan huwa appell ad istanza tal-atturi Jane Sultana u Carmela sive Karen ahwa Camilleri ulied il-mejjet Mikieli Camilleri, u Maria u Paola, xebbiet ahwa Camilleri, li permezz tieghu qed jitolbu lil din il-Qorti sabiex tvarja s-sentenza appellata in kwantu tichad it-talbiet tal-kontro-talba billi:

1) tirrevoka d-digriet tat-3 ta' Novembru 2004 u tiddikjara l-istess flimkien mas-sentenza moghtija fid-19 ta' Frar 2008 nulla u bla effett ai termini tal-Artikolu 789 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta stante li d-drittijiet ta' smiegh xieraq gew imcahda lill-appellanti Paola u Maria ahwa xebbiet Camilleri;

2) minghajr pregudizzju ghall-ewwel talba, jitolbu bir-rispett lil din il-Qorti tawtorizza s-smiegh ta' xhieda rigward il-preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 2107(1);

3) tikkonferma t-tieni, it-tielet u l-hames kapijiet tas-sentenza peress li dawn identifikaw il-proprjetajiet derivanti mill-komunjoni tal-akkwisti tal-mejtin Carmelo u Giovanna konjugi Camilleri rispettivament;

4) tvarja s-sitt, is-seba' u t-tmien kap tas-sentenza billi tichad it-talbiet tar-rikonvenuti appellati u tiddikjara li l-wirt ta' Carmelo Camilleri iddevolva fuq l-ahwa Maria u Paola

ahwa Camilleri b'mod indiviziv bejniethom bis-sahha tal-preskrizzjoni trentennali.
5) Bl-ispejjez kollha inkluz dak tal-appell odjern ghall-konvenuti.

Ghal intendiment ahjar ta' dan l-appell is-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti qeghda tigi hawnhekk riprodotta fl-intier taghha:

"Il-Qorti,

"Rat ic-citazzjoni prezentata fil-15 ta' Gunju 1992 li biha l-attur ppremettew li:

"Fl-4 ta' April 1982 mietet gewwa n-Nadur, Giovanna Camilleri li tigi omm il-kontendenti, armla ta' Carmelo u bint il-mejtin Publius Vella u Grazia xebba Sultana, li rregolat is-successjoni taghha permezz ta' testment fl-atti tan-Nutar Giuseppi Cauchi tat-23 ta' Dicembru 1973;

"Skond dan it-testment hi hatret bhala eredi taghha lil uliedha, kwantu ghal nofs lill-attur Michele Camilleri u n-nofs l-iehor lill-atturi Vincenza Agius, Maria xebba Camilleri u Paola xebba Camilleri.

"L-imsemmija Giovanna Camilleri kienet mizzewga lil Carmelo Camilleri li miet fit-13 ta' Jannar 1951.

"L-imsemmi Carmelo Camilleri miet intestate u ghalhekk il-wirt tieghu ddevolva favur uliedu l-kontendenti fi kwoti ndaqs bejniethom.

"L-atturi jridu li jaqsmu l-eredita` ta' ommhom mill-wirt ta' missierhom sabiex dik tal-omm tigi assenjata lil min tispetta bil-ligi.

"Talbu ghalhekk il-konvenuti ghaliex sabiex din il-Qorti:-

"1. Tiffissa u tistabilixxi l-konsistenza tal-komunjoni tal-akkwisti gia` ezistenti bejn Carmelo u Giovanna konjugi Camilleri, billi jigi dikjarat li tikkonsisti f'dawk il-beni li jirrizulta fil-kors tal-kawza.

“2. Taqsam il-komunjoni tal-akkwisti ffissata f’zewg porzjonijiet ugwali li jigu assenjati wahda lill-eredita` ta’ Carmelo Camilleri rapprezentata mill-kontendenti bejniethom, u l-ohra lill-assi partikolari tal-imsemmija Giovanna Camilleri.

“3. Tistabilixxi l-konsistenzi tal-assi partikolari tal-mejta Giovanna Camilleri billi jigi dikjarat li jikkonsistu f’nofs il-komunjoni tal-akkwisti fuq imsemmija u dawk il-beni l-ohra kollha li jirrizultaw fil-kors tal-kawza.

“4. Tistabilixxi l-konsistenzi tal-assi partikolari tal-mejta Giovanna Camilleri billi jigi dikjarat li jikkonsistu f’nofs il-komunjoni tal-akkwisti fuq imsemmija u dawk il-beni l-ohra kollha li jirrizultaw fil-kors tal-kawza.

“5. Tassenja l-assi ereditarji ta’ Giovanna Camilleri hekk ffissati lill-atturi Michael Camilleri proprio et nomine, Maria xebba Camilleri u Paola xebba Camilleri fil-kwoti stabbiliti minn Giovanna Camilleri kif fuq spjegat.

“6. Tahtar nutar pubbliku biex jippubblika l-att ta’ divizjoni opportun f’data, hin u lok li jigu ffissati ghal dan il-ghan mill-Qorti, bl-intervent ta’ kuraturi li jigu nominati sabiex jirraprezentaw lill-eventwali kontumaci fuq l-att opportun.

“Permezz ta’ nota tal-eccezzjonijiet prezentata fl-14 ta’ Lulju 1992 (fol. 9), il-konvenuti ddikjaraw li ma jopponux ghal-likwidazzjoni u divizjoni mitluba, salv dejjem il-verifika tal-kwoti u li l-qasma ssir a baz ta’ valuri ffissati minn periti nominati ghal dan il-fini. Il-konvenuti ressqu wkoll talba rikonvenzjonali in kwantu jsostnu li ladarba qeghda tintalab il-qasma tal-eredita` ta’ Giovanna Camilleri, lanqas ma jridu jibqghu fi stat ta’ komunjoni ma’ l-atturi ghal dak li jirrigwarda l-assi tal-mejjet missierhom Carmelo Camilleri u ghalhekk il-wirt iddevolva skond il-ligi fuq it-tmien (8) wliedu, ugwalment u ndaqs bejniethom.

“Ghalhekk il-konvenuti talbu lill-Qorti sabiex:-

"1. Tiffissa u tistabilixxi l-konsistenza tal-assi partikolari tal-mejjet Carmelo Camilleri billi jigi dikjarat li jikkonsisti f'nofs il-komunjoni tal-akkwisti stabbilita skond l-ewwel talba tal-atturi u dawk il-beni l-ohra kollha li jirrizultaw fil-kors tal-kawza.

"2. Taqsam l-assi ereditarji ta' Carmelo Camilleri, fit-tmien (8) porzjonijiet.

"3. Tassenja dawn il-porzjonijiet lil kull wiehed u wahda mill-kontendenti u dan permezz ta' perit nominat sabiex jirredigi l-pjan ta' qasma, u billi jigi nominat nutar pubbliku biex jippubblika l-att ta' divizjoni opportune f'data, hin u lok li jigu ffissati ghal dan il-ghan minn din il-Qorti, bl-intervent ta' kuraturi li jigu nominati sabiex jirraprezentaw lill-eventwali kontumaci fuq l-att.

"Permezz ta' nota tal-eccezzjonijiet prezentata mill-atturi (fol. 26) ghat-talba rikonvenzjonali, iddikjaraw li huma ma jopponux ghat-talba attrici.

"Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri prezentata fit-18 ta' Frar 2008 ghat-talba rikonvenzjonali, prezentata mill-atturi Paola u Maria ahwa Camilleri li permezz taghha eccepew li l-azzjoni fir-rigward tal-eredita` ta' Carmelo Camilleri hi preskritta ai termini tal-preskrizzjoni estintiva tal-Artikolu 2143 tal-Kodici Civili.

"Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri prezentata fit-18 ta' Frar 2008 ghat-talba rikonvenzjonali, prezentata mill-atturi Jane Sultana u Carmela sive Karen Camilleri li permezz taghha eccepew li fir-rigward tal-eredita` ta' Carmelo Camilleri l-azzjoni hi preskritta abbazi tal-preskrizzjoni estintiva ai termini tal-Artikolu 2143 tal-Kodici Civili.

"Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluz id-dokumenti kollha u n-nota ta' sottomissjonijiet prezentata mill-atturi.

"Rat il-verbal tas-seduta tas-7 ta' Jannar 2008 minn fejn jirrizulta li l-kawza giet differita ghal-lum ghas-sentenza.

"Ikkunsidrat:-

"1. Il-kaz jittratta l-qasma tal-ereditajiet ta' Giovanna Camilleri, li mietet fl-4 ta' April 1982, u ta' Carmelo Camilleri li miet fit-13 ta' Jannar 1949 (fol. 13). Mill-atti jirrizulta li:-

"(A) **Giovanna Camilleri** ghamlet testment fit-23 ta' Awwissu 1973 fl-atti tan-Nutar Dr. Giuseppe Cauchi (fol. 10-12) u bhala eredi taghha istitwit lill-attur Michael Camilleri (nofs l-eredita`) u lill-atturi Maria Camilleri, Vincenza Agius u Paola Camilleri in kwantu ghan-nofs l-iehor tal-eredita`.

"(B) **Carmelo Camilleri** miet intestat u wirtuh it-tmien uliedu, jigifieri Michael Camilleri, Vincenza Agius, Maria Camilleri, Paola Camilleri, Joseph Camilleri, Salvu Camilleri, Peter Camilleri u Anthony Camilleri. Dan ifisser li kull wiehed minnhom ghandu parti minn tmienja ($^1/_8$) mill-gid formanti parti minn din l-eredita`, b'dan li b'kuntratt li gie ppubblikat fil-5 ta' Settembru 2003 fl-atti tan-Nutar Dr. Kirsten Dimech il-konvenut Anthony Camilleri biegh lill-konvenut l-iehor (Peter Camilleri) s-sehem tieghu (ottava parti ndivza) mill-wirt ta' missierhom.

"2. Il-kwoti tal-kontedenti f'dawn l-ereditajiet huma s-segwenti:

| | **Giovanna Camilleri** | **Carmelo Camilleri**. |
|---|---|---|
| Michael Camilleri | ½ | $^1/_8$ |
| Vincenza Agius | $^1/_6$ | $^1/_8$ |
| Maria Camilleri | $^1/_6$ | $^1/_8$ |
| Paola Camilleri | $^1/_6$ | $^1/_8$ |
| Joseph Camilleri | xejn | $^1/_8$ |
| Salvu Camilleri | xejn | $^1/_8$ |
| Peter Camilleri | xejn | $^1/_8$ |
| Anthony Camilleri | xejn | $^1/_8$[1] |

[1] Sehem li kif rajna nxtara fil-mori ta' dawn il-proceduri mill-konvenut Peter Camilleri wara sentenza li nghatat fil-15 ta' Novembru 2001 mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri fil-kawza fl-ismijiet **Peter Camilleri v. Anthony Camilleri** (Cit. numru 114/1993).

"Dwar dan m'hemmx dizgwid bejn il-partijiet.

"3. Ghal dak li huma assi ereditarji, u dwar dan hemm qbil ukoll[2], mill-provi rrizulta li dawn jikkonsistu:-

"(a) Fil-beni formanti parti mill-**komunjoni tal-akkwisti** bejn Carmelo u Giovanna konjugi Camilleri, li kienu:-

- Art Ta' Mewta, Triq San Blas, Nadur, Ghawdex (kejl ta' cirka seba' mija u disgha u disghajn metri kwadri – 799mk [fol. 228 u 362]). Stmata erbgha u ghoxrin elf u sitt mitt Lira Maltija (Lm24,600) (fol. 224);

- Il-fond numru erbgha u hamsin (54), Triq ta' Said, Nadur (fol. 363, 370 u 371). Stmat hamsa u ghoxrin elf Lira Maltija (Lm25,000) (fol. 224);

- Art tad-Duru, Nadur (kejl ta' cirka mitejn u sbatax-il metru kwadri – 217mk [fol. 231 u 364]) li ma jirrizultax li ghandha access ghall-triq pubblika. Stmata erba' mitt Lira Maltija (Lm400) (fol. 224);

"(b) **Assi parafernali** ta' Carmelo Camilleri:-

- Art tad-Dikka jew ta' Wied Bin Gemma, limiti tan-Nadur (kejl ta' cirka seba' mija u tnejn u hamsin metri kwadri – 752mk [fol. 234 u 367]). Stmata elfejn Lira Maltija (Lm2,000) (fol. 224);

- Art tal-Meandra, Triq il-Mithna Qadima (kejl ta' cirka mija u wiehed u tmenin metri kwadri – 181mk [fol. 232 u 365]). Stmata tnejn u ghoxrin elf Lira Maltija (Lm22,000) (fol. 224);

- Art tal-Bir, Nadur tal-kejl ta' cirka erba' mija u hmistax il-metri kwadri – 415mk [fol. 233 u 366]). Stmata elfejn Lira Maltija (Lm2,000) (fol. 224);

[2] Ara l-verbal li sar fis-seduta li ghamel il-perit tekniku fis-26 ta' Frar 1994 (fol. 253).

- Art San Blas – porzjon wiehed ta' cirka mija u tlieta u disghajn metri kwadri – 193mk [fol. 235 u 368]. Stmata mitt Lira Maltija (Lm100) (fol. 224);

- Art San Blas porzjon ohra tal-kejl ta' circa mija u disgha u tletin metri kwadri – 193mk [fol. 236 u 369]. Stmata tmenin Lira Maltija (Lm80) (fol. 224);

"Ghal dak li huma assi partikolari tal-mejta Giovanna Camilleri, hemm qbil bejn il-werrieta taghha li ghandhom jibqghu in komun. F'tali cirkostanzi l-Qorti tqis li dawn l-assi m'ghandhomx jifformaw meritu ta' din il-kawza, in kwantu jista' jkollok divizjoni parzjali fejn hemm qbil bejn il-werrieta (ara f'dan is-sens kawza deciza mill-Qorti tal-Kummerc fil-21 ta' Ottubru 1992, fl-ismijiet **Spiridione Curmi et v. Salvatore sive Saviour Curmi**). L-istess argument japplika ghal dak li jikkoncerna porzjon art maghrufa bhala tal-Muxi limit tal-Qala tal-kejl ta' cirka siegh (fol. 251) li jirrizulta li tifforma parti mill-assi parafernali ta' Carmelo Camilleri (fol. 246).

"4. B'riferenza ghall-wirt ta' Carmelo Camilleri, l-atturi Jane Sultana u Carmela sive Karen Camilleri jsostnu li peress li miet fit-13 ta' Jannar 1951 (mill-provi jirrizulta li miet fit-13 ta' Jannar 1949) it-talba rikonvenzjonali li ghamlu l-konvenuti hi preskritta bit-trapass ta' tletin (30) sena (Artikolu 2143 tal-Kodici Civili[3]). Il-Qorti ma taqbilx ma' dan l-argument in kwantu:-

"(a) It-talba ghal divizjoni hi mpreskrittibbli in kwantu d-dritt li wiehed jitlob il-qasma tal-assi ereditarji hu inerenti ghad-dritt ta' proprjeta`. Il-kaz odjern m'huwiex wiehed fejn qeghda tigi nvokata l-preskrizzjoni akkwizittiva ta' tletin (30) sena. Skond l-Artikolu 2107(2) tal-Kodici Civili: *"il-preskrizzjoni hija wkoll mezz sabiex wiehed jehles minn azzjoni, meta l-kreditur ma jkunx ezercita l-jedd tieghu ghal zmien li tghid il-ligi"*. Fejn ghandek wirt li ghadu ma nqasamx, ma jistax jithalla l-istat ta' komunjoni

---

[3] *"L-azzjonijiet kollha, reali, personali, jew misti jaqghu bil-preskrizzjoni gheluq tletin sena, u ebda opposizzjoni ghall-preskrizzjoni ma tista' ssir minhabba n-nuqqas ta' titolu jew ta' bona fidi".*

ghas-semplici raguni li jkunu ghaddew tletin (30) sena mill-ftuh tas-successjoni. Kieku wiehed kellu jaddotta l-argument tal-konvenuti, ikun ifisser li l-kontendenti jridu jibqghu fi stat ta' komunjoni minghajr ebda possibilita` li jinqasam il-wirt. Pero` l-ligi stess (Artikolu 496 tal-Kodici Civili) tipprovdi li hadd ma jista' jigi mgieghel jibqa' fi stat ta' komunjoni salv ghall-eccezzjonijiet kontemplati mil-ligi. Li l-azzjoni ta' divizjoni hi mpreskritibbli giet konfermata fis-sentenza moghtija fil-kawza **Anna Coleiro v. Michael Portelli et** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-22 ta' Novembru 1905, *"L'azione di divisione e' imprescrittibile durante il tempo in cui I coeredi godono i beni ereditari con la veste di comunisti"* (Vol. XIX.i.120)[4]. Hekk ukoll fil-kawza **Carmela Deguara et v. Angela Deguara et** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-8 ta' Ottubru 1964 (Vol. XLVIII.ii.1182) gie konfermat li f'kazijiet ta' divizjoni *"…m'hemm lanqas kwistjoni ta' preskrizzjoni ghax kif tghid il-ligi stess id-divizjoni tista' tintalab fi kwalunkwe zmien li tkun ghadha tipperdura l-indivizjoni"*. Issir preskrittibbli fejn wiehed mill-werrieta ma jibqax igawdi l-haga jew hwejjeg b'mod indiviz bhala konsorti imma jipposjedihom separatament u bl-eskluzjoni tal-konsorti l-ohra. F'dawk ic-cirkostanzi tapplika l-preskrizzjoni akkwizittiva (ara wkoll sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Grazia Borg v. Rosa Farrugia nomine et** deciza fil-15 ta' Marzu 1957 – Vol. XLI.i.168) u mhux dik estintiva. Inoltre, l-Artikolu 498 jipprovdi li *"il-qasma tista' tintalab ukoll ghad illi wiehed mill-komproprjetarji jkun gawda separatament bicca mill-beni in komun, izda dan kemm-il darba ma tkunx saret qasma jew ma jkunx hemm pussess bizzejjed li jaghti lok ghall-preskrizzjoni"*. Mela, hu evidenti li l-ostakolu ghat-talba ta' qasma hu fejn hemm lok ghall-preskrizzjoni akkwizittiva.

"F'dan il-kuntest hu utli li ssir riferenza ghal dak li jghid l-awtur Francesco Galgano[5]:- *"La legge esige – questa e' la tradizionale ragione dell'imprescrittibilita' del diritto di*

[4] Fil-kawza fl-ismijiet **Carolina Davison et v. Marianna Debono et** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-7 ta' Novembru 1935 (Vol. XXIX.ii.736) gie osservat li: *"l-azzjoni tal-proprjetarju biex jiehu dak li huwa tieghu ma tistax tigi opposta b'semplici preskrizzjoni estintiva, imma b'dik akkwizittiva, konvolgenti l-pussess tal-eccipjenti"*. Hu pacifiku li l-proprjeta` ma tintilefx bin-nuqqas ta' uzu min-naha tas-sid.

[5] Diritto Privato, 9 Edizzjoni, Cedam (1996).

*proprieta' – che ogni bene abbia un proprietario, al quale potersi rivolgere per esigere l'adempimento delle disposizioni che concernonon il regime dei beni…. La proprieta' si perde per non uso solo se al non uso del diritto da parte del proprietario corrisponde – come vedremo in seguito – il possesso della cosa prolungato nel tempo dap arte di altri, ossia se opera, a favore altrui, quello specifico modo di acquisto della proprieta' che e' l-usucapione. E in tal caso la estinzione del diritto di proprieta' per non uso e' qualificata dal fatto che altri e' diventato proprietario del bene".*

"(b) F'kull kaz certament li hemm rinunzja (Artikolu 2109 tal-Kodici Civili) bid-dikjarazzjonijiet li ghamlu l-atturi stess. F'dan ir-rigward issir riferenza:-

- Ghan-nota tal-eccezzjonijiet li pprezentaw fl-24 ta' Lulju 1992 (fol. 26) ma jopponux ghat-talba tal-konvenuti sabiex issir il-qasam tal-eredita` ta' Carmelo Camilleri;

- Ghal dak li gie verbalizzat fis-seduta li saret quddiem il-perit tekniku fid-19 ta' Frar 1993: *"Ghal dak li jirrigwarda l-assi partikolari ta' Carmelo Camilleri dawn iridu jigu divizi bejn il-partijiet kollha ndaqs bejniethom"* (fol. 245).

"Ghalhekk l-eccezzjoni moghtija *in extremis* mill-atturi Jane Sultana u Carmela sive Karen Camilleri li t-talba rikonvenzjonali hi preskritta skond l-Artikolu 2143 tal-Kodici Civili, ser tigi michuda.

"5. Min-naha taghhom l-atturi Paola u Maria xebbiet Camilleri wkoll ipprezentaw nota ta' sottomissjonijiet (4 ta' Frar 2008). Fl-ewwel lok jibda biex jinghad li din in-nota ta' sottomissjonijiet giet prezentata tardivament in kwantu fis-seduta tat-12 ta' Ottubru 2007 il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-seduta tas-7 ta' Jannar 2008 u l-partijiet inghataw id-dritt li jipprezentaw nota ta' sottomissjonijiet sal-ahhar ta' Novembru 2007. F'kull kaz, f'din in-nota gew sollevati diversi punti li ser jigu trattati b'mod individwali:-

"**<u>Paola u Maria xebbiet Camilleri qatt ma gew notifikati u qatt ma awtorizzaw lil Michael Camilleri sabiex jidher ghalihom jew lill-avukat Dr. Michael Grech sabiex jirraprezenta l-interessi taghhom u jintavolaw eccezzjonijiet b'mod formali. Ghalhekk il-gudizzju m'huwiex integru u l-kawza u talba rikonvenzjonali huma nulli</u>** – Il-Qorti ma tifhimx kif wara li l-kawza ilha pendenti mill-15 ta' Gunju 1992 l-atturi Maria u Paola xebbiet Camilleri kellhom jistennew sa kwazi lejliet is-sentenza sabiex iqajmu din il-kwistjoni, minghajr ma nghatat eccezzjoni formali f'dan is-sens u wisq inqas ma saret talba sabiex iressqu eccezzjoni ulterjuri. Hu difficli li wiehed jemmen li tul dawn is-snin kollha l-atturi Paola u Maria ahwa Camilleri ma kienux jafu x'qieghed jigri jew li kienet qeghda ssir xi haga kontra r-rieda taghhom jew minn wara dahrom. Hekk per ezempju jirrizulta li fl-14 ta' Frar 1997 il-perit tekniku ghamel access fil-fond numru 54, Triq Has-Sajd, Nadur, Ghawdex (fol. 220) fejn l-atturi Maria u Paola ahwa Camilleri jghidu li jghixu. Possibbli li anke b'dan l-access ma kienux jafu? Mill-atti jirrizulta li fit-3 ta' Novembru 2004 Paola u Maria ahwa Camilleri kienu pprezentaw rikors (fol. 211) fejn allegaw li *"huma qatt ma awtorizzaw lill-huhom Michael Camilleri sabiex jistitwixxi xi kawza jew jaghmel xi proceduri legali ohra f'isimhom"* u talbu li l-Qorti tordna li ma jibqghux parti fil-kawza. Fir-rikors ma saritx riferenza ghal xi provvediment tal-ligi li jaghti xi awtorita` simili lil din il-Qorti. Digriet finali ma nghatax pero` mill-atti jirrizulta li matul is-snin ma baqghux jinsistu fuq din it-talba sakemm sar ir-rikors tal-4 ta' Frar 2008 (fol. 388). Sussegwentement fl-1 ta' Marzu 2007 l-atturi kienu gew notifikati (ara riferta fol. 320) b'rikors prezentat fl-20 ta' Dicembru 2006 (fol. 319), u digriet moghti fis-17 ta' Jannar 2007 (fol. 320). Permezz ta' dan ir-rikors il-konvenut Peter Camilleri talab ir-revoka tad-digriet moghti fl-24 ta' Ottubru 2006 (fol. 317) peress li l-kawza kienet giet differita *sine die*. B'risposta prezentata fid-9 ta' April 2007 (fol. 330) l-atturi ddikjaraw li *"l-esponenti qatt ma awtorizzaw lil Michael Camilleri jiftah xi kawza f'isimhom u huma sa ftit ilu ma kienu jafu xejn x'qed jigri fl-istess kawza. Kien biss wara l-mewt tal-istess Michael Camilleri illi huma saru jafu li huma atturi f'din il-*

*kawza u bdew jippruvaw jifhmu x'kien qed isir. Sa dakinhar kien Michael Camilleri li kien jikkontrolla kollox"*. Mill-atti jirrizulta li Michael Camilleri miet fit-22 ta' April 2002 (fol. 340). Ghas-seduta tat-12 ta' April 2007 kienet prezenti Paola Camilleri li jidher ukoll li kienet qeghda tidher fl-interessi ta' ohtha Maria Camilleri (fol. 335). Fis-seduta tas-6 ta' Lulju 2007 (fol. 345) id-difensur tal-atturi Maria u Paola ahwa Camilleri ddikjara li jrid jaghmel eskussjoni tal-perit tekniku u l-Qorti kkoncediet lill-partijiet terminu ta' erbghin (40) gurnata sabiex jipprezentaw nota bid-domandi li jridu jaghmlu lill-perit tekniku in eskussjoni. Sussegwentement fis-16 ta' Awwissu 2007 (fol. 357) ghamlu rikors li bih talbu estensjoni ta' zmien sabiex jipprezentaw id-domandi in eskussjoni, talba li giet michuda b'digriet moghti fl-10 ta' Ottubru 2007. F'kull kaz fis-seduta tat-12 ta' Ottubru 2007, id-difensur tal-atturi Maria u Paola ahwa Camilleri[6] kienet prezenti u ghalhekk l-atturi kellhom l-opportunita' li jaghmlu domandi lill-perit tekniku. Dan l-atteggjament m'huwiex kompatibbli mat-talba tal-atturi Paola u Maria ahwa Camilleri sabiex jinhargu minn dawn il-proceduri, kif wara kollox m'hijiex l-eccezzjoni ulterjuri li taw lejliet is-sentenza. Inoltre, il-Qorti ma tistax tonqos milli tosserva li l-atturi Paola u Maria ahwa Camilleri:-

"(a) Matul dawn is-snin kollha ma ressqux u wisq inqas talbu sabiex iressqu provi ta' dak li qeghdin jallegaw, jew provi ohra li kienu jolqtu l-meritu ta' din il-kawza. Dak li jinghad f'nota ta' sottomissjonijiet, rikors jew twegiba ghal rikors m'hijiex prova tal-kontenut. L-atti jinkludu c-citazzjoni (fejn Paola u Maria ahwa Camilleri huma ndikati bhala atturi u mhux li l-kawza qeghda tigi prezentata minn terza persuna ghan-nom taghhom, u hemm nota tal-eccezzjonijiet tal-atturi kollha ghat-talba rikonvenzjonali li ghamlu l-konvenuti).

"(b) Ma talbux sabiex iressqu eccezzjonijiet ulterjuri. Eccezzjonijiet m'ghandhomx jinghataw f'noti ta' sottomissjonijiet.

[6] F'dan l-istadju kienet Dr. Angele Formosa.

"(c) Ma ddikjarawx li m'humiex jaqblu mal-posizzjoni li minn zmien ghal zmien kien qieghed jigi dikjarat li hadu l-atturi (cioe` li jridu li jibqghu in komun ghal dik li hi eredita` ta' Giovanna Camilleri u l-qasma ghal dik li hi l-eredita` ta' Carmelo Camilleri). Kien biss fl-istadju tan-nota ta' sottomissjonijiet li qalu li huthom m'ghandhomx dritt fuq il-gid li jifforma parti mill-wirt ta' missierhom Carmelo Camilleri.

"Fic-cirkostanzi, il-Qorti m'ghandhiex alternattiva ohra ghajr li tichad ir-rikors li pprezentaw l-atturi Paola u Maria ahwa Camilleri fit-3 ta' Novembru 2004 (fol. 211). Dan apparti l-fatt li bhala werrieta ta' Carmelo Camilleri jridu jkunu parti fil-kawza anke ghal finijiet ta' integrita` tal-gudizzju u bhala interessati f'din l-eredita`.

"Fir-rigward tar-riferenza li ghamlu ghall-Artikolu 185 tal-Kap. 12, m'hijiex rilevanti in kwantu l-provvediment riprodott minnhom fin-nota ta' sottomissjonijiet hu kif gie jaqra wara l-emenda li saret permezz tal-Att XXIV tas-sena 1995, u jirreferi biss ghal nies li jkunu qeghdin jghixu fl-istess indirizz. Min-naha taghhom l-atturi jghidu li ma kienux residenti fl-indirizz 4, Triq il-Mithna l-Qadima, Nadur Ghawdex fejn saru n-notifiki.

"**Preskrizzjoni Estintiva tat-talba rikonvenzjonali** – japplika *mutatis mutandis* dak kollu li nghad fil-paragrafu numru erbgha (4) tas-sentenza in kwantu eccezzjoni simili nghatat mill-atturi Jane Sultana u Carmela sive Karen Camilleri.

"**Okkupazzjoni tal-proprjeta` kollha formanti parti mill-eredita` ta' Carmelo Camilleri favur Maria u Paola ahwa Camilleri** –

"F'dan ir-rigward huma rilevanti s-segwenti konsiderazzjonijiet:-

"(a) L-atturi ma taw l-ebda eccezzjoni formali f'dan is-sens (jidher hawnhekk li l-atturi qeghdin jinvokaw il-preskrizzjoni akkwizittiva) u wisq inqas ma ntalab xi permess biex titressaq xi eccezzjoni simili; *"……illi*

*eccezzjonijiet formali bhal ma hija dik tal-preskrizzjoni ma tistax titqajjem f'nota ta' osservazzjonijiet, izda ghandhom isiru b'mod formali taht forma ta' nota ta' eccezzjonijiet"* (**Pauline Xerri et v. Lawrence Vella et** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Ottubru 2007). Hekk ukoll, fil-kawza fl-ismijiet **Direttur tal-Artijiet v. Polidano Brothers Limited** deciza mill-istess Qorti fis-6 ta' Lulju 2007, gie konfermat li *"Izda l-preskrizzjoni ma tistax titqajjem f'nota ta' osservazzjonijiet li ssir fi stat tant avvanzat tal-kawza. Mhux konsentit li wiehed jintroduci element iehor gdid f'kawza, in sostenn tal-posizzjoni tieghu, wara li jkunu gew indirizzati l-argumenti kemm ta' naha u kemm ta' ohra u l-kawza tkun thalliet ghas-sentenza b'semplici nota ta' osservazzjonijiet. L-istess nota ta' osservazzjonijiet infatti lanqas biss giet notifikata lill-kontroparti stante li l-Qorti kienet ordnat lill-konvenuta biex tipprezenta n-nota taghha qabel dik tal-attur, Direttur tal-Artijiet. Kien ikun modù iehor li kieku dik in-nota saret fi stadju bikri tal-kawza b'notifika lill-kontroparti sabiex din ikollha l-opportunita` tipprezenta l-provi jew is-sottomissjonijiet taghha dwar il-preskrizzjoni"*.

"(b) L-atturi naqsu milli jsemmu l-Artikolu tal-ligi li fuqu qeghdin jibbazaw il-preskrizzjoni akkwizittiva. Lanqas m'hu car jekk qeghdin jinvokaw il-preskrizzjoni akkwizittiva tal-wirt ta' Carmelo Camilleri jew preskrizzjoni akkwizittiva ta' xi whud mill-immobbli in kwantu japplikaw perjodi ta' preskrizzjoni differenti.

"(c) L-atturi ma ghamlux talba, diment li l-kawza kienet ghadha ma gietx differita ghas-sentenza, li jressqu l-provi li *"huma ilhom jokkupaw il-proprjeta` kollha derivanti minn Carmelo Camilleri b'mod esklussiv, mhux interrott, kontinwu, pacifiku u pubblikament mid-data tal-mewt tieghu….."* (ara nota ta' sottomissjonijiet). Dan apparti l-konsiderazzjoni l-ohra li m'hemmx l-icken hjiel ta' prova dwar dan. Jekk Maria u Paola ahwa Camilleri qeghdin jibbazaw l-argument fuq il-preskrizzjoni akkwizittiva trentennali (Artikolu 2143 tal-Kodici Civili), *"…. Tibda tghaddi mill-gurnata li jibda l-pussess separat u eskluzziv; u biex tigi respinta l-azzjoni tad-divizjoni mhabba l-preskrizzjoni, hija necessarja l-prova ta'*

*pussess publiku u eskluziv, li minnu timmanifesta ruhha b'mod mhux ekwivoku l-volonta` tad-dgawdija tal-haga komuni kollha; hemm bzonn, ghalhekk li min jinvoka favur tieghu l-preskrizzjoni ikun ippossjeda animo domini billi kien jikkunsidra ruhu proprjetarju u kellu l-fehma gusta li kien akkwista l-proprjeta`"* (**Grazia Borg v. Rosa Farrugia nomine et** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Marzu 1957 – Vol. XLI.i.168). Prova li m'hemmx. Interessanti li fil-kawza citata l-attrici (wahda mill-konsorti) kienet ukoll qeghda tippossjedi haga komuni, u bhala tali kellha dritt li taghmel dan.

"6. Ghal dik li hi divizjoni, fis-seduta tat-12 ta' Ottubru 2007 gie verbalizzat li *"Dr. Albert Camilleri ghall-konvenuti jirrimetti ruhu ghar-rapport tal-perit tekniku u jaqbel li l-proprjeta` mhux kommodament divizibbli"*. L-atturi jsostnu li l-beni li jifformaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti ghandhom jinqasmu fi tnejn *"…billi tigi assenajta nofshom lill-atturi wahedhom fil-kwoti indikati fic-citazzjoni para. 1, u n-nofs l-iehor jigi assenjat bejn il-kontendenti kollha inkluz l-istess atturi ndaqs bejniethom"* (verbal tas-seduta li sar fid-19 ta' Frar 1993 quddiem il-perit tekniku - fol. 245). F'dan ir-rigward l-atturi Jane Sultana u Carmela sive Karen Camilleri[7] ghamlu riferenza ghal dak li nghad fic-citazzjoni u

"(a) Verbal tas-seduta tas-26 ta' Frar 1994: *"L-atturi qeghdin jitolbu illi l-ewwel jigu divizi sehem il-missier minn dak tal-omm fil-beni tal-komunjoni tal-akkwisti.* ***Sehem l-omm jigi assenjat indivizament lill-atturi Mikiel Camilleri in kwantu ghal nofs u Vincenza, Maria u Pawla ghar-rimanenti nofs minghajr divizjoni bejniethom****. Ghar-rigward ta' sehem il-missier kollu, sew dak mill-beni parafernali tieghu u sew mill-komunjoni tal-akkwisti jrid isir il-qasma skond il-ligi billi fejn hu divisibbli jinqasam bejn tmienja u fejn le jinbiegh b'licitazzjoni. L-atturi Michael Camilleri, Vincenza, Maria u Pawla jaccettaw ukoll li s-sehem taghhom jiehduh indiviz bejniethom. L-atturi Michael Camilleri, Vincenza, Maria u*

[7] Ara nota ta' sottomissjonijiet li pprezentaw fit-30 ta' Novembru 2007.

*Pawla jaccettaw ukoll li s-sehem taghhom jiehduh indiviz bejniethom”* (fol. 254);

“(b) Verbal tas-seduta tal-10 ta’ Novembru 1995 (fol. 255): *“Dottor M. Grech ghal attur informa l-perit tekniku li Vincenza, Maria u Paola jridu jibqghu flimkien ma’ Mikiel indiviz, minhabba li huma werrieta tal-omm”*.

“Sussegwentement ma jirrizultax li saret xi dikjarazzjoni differenti minn xi wiehed mill-atturi. In eskussjoni (seduta tat-12 ta’ Ottubru 2007[8]) il-perit tekniku spjega li dak li kien ippropona b’mod alternattiv dwar kif tista’ ssir il-qasma in natura, *“….biex tkun tista’ tigi accettata jrid ikun hemm qbil bejn il-partijiet kollha….”*. Fatt li jsib konferma fin-nota prezentata mill-istess perit tekniku fit-18 ta’ Mejju 2007 meta ddikjara li *“l-esponenti kif diga` indika fir-relazzjoni tieghu jiddikjara li l-qasma tal-assi ereditarji tal-mejtin Carmelo u Giovanna Camilleri m’hijiex kommodament divizibbli, u ghalhekk l-esponent kien ghamel biss suggerimenti lill-partijiet dwar kif jistghu jipprocedu”* (fol. 341). Qbil li ma jezistix. Rajna kif fil-massa ereditarja ta’ Carmelo u Giovanna konjugi Camilleri jidhlu f’kull wahda nofs ($^1/_2$) indiviz tat-tliet immobbli li kienu jifformaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti.

“Skond l-Artikolu 907 tal-Kodici Civili (Kap. 16), *“Fil-qasma tal-wirt ghandhom jigu mharsa d-disposizzjonijiet migjubin fis-Sub-Titoli II u III tat-Titolu V tat-Taqsima I tat-Tieni Ktieb ta’ dan il-Kodici u fl-Artikoli 908 sad-912”*. Disposizzjonijiet li jittrattaw il-qasma tal-beni in komun (Artikolu 496 *et sequitur*). Il-principji huma li:-

“(a) Ir-regola fondamentali fil-ligi hi li biex wiehed johrog mill-komunjoni ghandha ssir id-divizjoni in natura. Ir-rimedju tal-licitazzjoni huwa ta’ natura straordinarja. Meta fond hu divizibbli kommodament (jigifieri minghajr diskapitu tal-interessi tal-kondividenti fis-sens li m’ghandux ikun hemm deprezzament fil-valur ekonomiku tal-fond bil-qasma materjali tieghu), ma ghandux jigi applikat ir-rimedju tal-licitazzjoni;

[8] Fol. 359.

“(b) Bhala regola d-divizjoni ghandha ssir bix-xorti;

“(c) Meta l-kondividenti jkunu qeghdin jikkonkorru fi kwoti dizugwali, ghandu jigi determinat mill-Qorti jekk id-divizjoni ghandhiex issir bix-xorti jew b’assenjazzjoni (**Nobbli Galea Testaferrata et v. Nobbli Trapani Galea et**, Appell Civili, 20 ta’ Dicembru 1946 – Vol. XLI.i.257).

“7. Dwar il-valuri tal-proprjeta` meritu ta’ din il-kawza li nghataw mill-perit tekniku, ma saret l-ebda kontestazzjoni min-naha tal-partijiet. Opinjoni li tikkostitwixxi element ta’ prova li l-Qorti ma tistax tiskarta mehud in konsiderazzjoni li ma tressqux provi li b’xi mod jistghu jxejnu din il-prova. Kif osservat il-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Benjamin Camilleri nomine v. Charles Debattista nomine** deciza fid-9 ta’ Frar 2001, *“l-opinjoni teknika konfermata bil-gurament minn Perit Tekniku bhal kull prova ohra setghet tigi skartata mill-Qorti. Dan pero` mhux leggerment jew kapriccozament imma biss fejn tirrizulta raguni valida mill-atti. Bhala regola hu stabbilit anke minn gurisprudenza illi l-Qorti ma kellhiex tiskarta jew twarrab opinjoni tal-Perit Tekniku minnha nominat ghaliex dik kif inghad tikkostitwixxi element ta’ prova mportanti jekk mhux determinanti li kellu jifforma l-gudizzju tal-gudikant.”*

“8. Il-Qorti hi tal-fehma li fil-kaz odjern ma tistax tqis li l-gid kollu jifforma parti minn massa ereditarja wahda, in kwantu l-wirt tal-omm hu regolat minn testment fejn innominat bhala werrieta universali lil erbgha (4) minn uliedha filwaqt li l-missier miet intestat u ghalhekk il-werrieta huma t-tmien (8) ulied. Hemm ukoll, kif rajna, il-ftehim min-naha tal-werrieta tal-omm li jibqghu fi stat ta’ komunjoni bejniethom ghal dak li jolqot l-eredita` tal-omm. Mehud ukoll in konsiderazzjoni tat-tieni talba tal-atturi, il-komunjoni trid tinqasam f’zewg porzjonijiet ugwali. M’hemmx problema li dan isir, in kwantu mir-rapport tal-perit tekniku jirrizulta li l-immobbli formanti parti mill-

komunjoni tal-akkwisti jistghu facilment jinqasmu f'zewg ishma fis-sens li:-

"**Porzjon A** tkun tikkonsisti fl-art ta' Mewta, Triq San Blas, Nadur, Ghawdex u l-art tad-Duru, Nadur valur komplessiv ta' hamsa u ghoxrin elf Lira Maltija (Lm25,000).

"**Porzjon B** tkun tikkonsisti fil-fond numru erbgha u hamsin (54), Triq tas-Sajd, Nadur stmat fl-ammont ta' hamsa u ghoxrin elf Lira Maltija (Lm25,000).

"Ishma li ghandhom jittellghu bix-xorti, wahda li tigi assenjata lill-eredita` ta' Giovanna Camilleri u s-sehem l-iehor lill-eredita` ta' Carmelo Camilleri. F'dan ir-rigward hu rilevanti dak li osserva Prof. V. Caruana Galizia (*Notes on Civil Law*[9]):- *"Under the system of the community, there are three estates, the common estate, that of the husband and that of the wife. To liquidate is to verify which property belongs to the one or to the other of such estates and which are the respective liabilities"* (pagna 497). Kompla josserva li *"the final result after that the community is liquidated, will represent the estate of the community, and the particular estates of husband and wife. The acquests are divided into two between the two estates, and the share belonging to each of such estates is added to them, so that in the end there will only be two estates which are proper to the husband and to the wife"* (pagna 498). Hu dak hu proprju l-ezercizzju li qeghda taghmel il-Qorti bil-mod kif qeghda tipprocedi.

"9. Ghal dak li hu l-gid provenjenti mill-wirt ta' Giovanna Camilleri, rajna kif il-werrieta taghha jridu li l-gid jibqa' komuni. Mhux l-istess fir-rigward tal-gid provenjenti mill-wirt ta' Carmelo Camilleri li miet intestat u li l-gid tieghu jrid jinqasam bejn sebgha[10] (fir-rigward tal-eredi ta' Carmelo Camilleri li miet fil-mori ta' dawn il-proceduri, is-sehem taghhom imbaghad jista' jinqasam bejn l-eredi

---

[9] Edizzjoni Riveduta 1978 mill-Professur J.M. Ganado.

[10] Rajna kif il-werrieta ta' Carmelo Camilleri huma tmienja (8) ghalkemm fil-mori tal-proceduri mietu l-atturi Michael Camilleri u Joseph Camilleri u fil-5 ta' Settembru 2003 sar kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr. Kristen Dimech li bih il-konvenut Anthony Camilleri biegh lil Peter Camilleri is-sehem tieghu ($^{1}/_{8}$) mill-wirt ta' missierhom.

taghhom). Biex tinghata d-divizjoni mhux bizzejjed li l-beni in komuni jkunu jistghu materjalment u fizikament jigu divizi, imma *"…jehtieg ukoll li l-beni jigu divizi komodament u bla diskapitu"* (**Zammit v. Grech** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-8 ta' Marzu 1983). Fil-kawza **Giuseppe Meilak et v. Cecilia Zahra Scicluna** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Gunju 1948, inghad: *"meta fond ikun divizibbli komodament u minghajr diskapitu, ma ghandux jigi applikat il-licitazzjoni. Komodament, jigifieri minghajr pregudizzju tal-interessi tal-kondividenti; minghajr diskapitu, jigifieri illi ma ghandux ikun hemm deprezzament fil-valur ekonomiku tal-fond bid-divizjoni materjali tieghu"*. Ghal dak li hu pregudizzju, gie konfermat li dan jinkludi, *"fl-isproporzjon konsiderevoli bejn id-diversi porzjonijiet jew ishma li ggib maghha certi konsegwenzi ghal modus divisionis tal-qasma materjali tal-fondi. ("**Romeo Fleri et –v.- Giuseppe Portelli et**", Prim Awla, Qorti Civili, 2 ta' Marzu 1959)"* (**Charles Camilleri nomine v. Amy Buttigieg et** deciza fil-31 ta' Jannar 2003 mill-Prim Awla tal-Qorti Civili[11]). Il-Qorti hi tal-fehma li mir-rapport imhejji mill-perit tekniku m'hemmx dubju li mehud in konsiderazzjoni tan-numru tal-kondividendi, in-numru ta' assi ereditarji, id-daqs tal-proprjetajiet, u anke l-valur taghhom, il-qasma tas-sustanzi ereditarji m'hijiex rakkomandabbli u wisq inqas tista' ssir kommodament. Ghalhekk fic-cirkostanzi attwali ma jidhirx li hemm triq ohra ghajr dik ta' licitazzjoni. Ghalkemm hu minnu li ma saret l-ebda talba f'dan is-sens mill-konvenuti, kif tajjeb gie osservat mill-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Marianna Mallia et v. Sindaco Dr. Giuseppe Falzon et** deciza fil-21 ta' April 1887:-

*""La licitazione di beni comuni puo' essere ordinate, quando non sia praticabile od espediente la loro divisione a sorte o per via di assegnazione. Si puo' ordinare la licitazione anche senza una speciale domanda nella citazione a tale oggetto su di duna domanda generica per la divisione.*

[11] Imhallef P. Sciberras.

*"“La licitazione; in sostanza, e’ un Modus divisionis, e l’azione per la divisione comprende virtualmente la domanda per la licitazione, e, concorrendovi I debiti requisiti, la licitazione e’ una conseguenza necessaria dell’azione per la divisione. Nella licitazione possono essere ammessi anche oblatori estranei, secondo le circostanze”*.

“Hekk ukoll fil-kawza fl-ismijiet **Farrugia v. Camilleri ed altri** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-21 ta’ Frar 1900 gie osservat: *“La domanda per la divisione inchiude virtualmente quella relative alla licitazione”* (Vol. XVII.ii.182). Principju li gie konfermat fil-kawzi fl-ismijiet **Giuseppe Meilak et v. Cecilia Zahra Scicluna** deciza fit-28 ta’ Gunju 1948 mill-Qorti tal-Appell (Vol. XXXIII.i.329) u **Anthony Galea et v. George Axisa nomine** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili[12] fil-11 ta’ Gunju 2002.

“10. Mill-atti processwali jirrizulta wkoll li saru benefikati fil-fond numru erbgha u hamsin (54), Tas-Sajd, Nadur. Il-perit tekniku rrelata li dawn *“attribwibbli ghal Mikiel Camilleri huma ta’ Lm1,000, waqt li l-benefikati attribwibbli ghal Peter Camilleri, Salvu Camilleri u Giuseppe Camilleri, huma ta’ Lm50 kull wiehed”* (fol. 224). Hadd mill-partijiet ma ressaq xi ilment dwar dak li rrelata l-perit[13] u fic-cirkostanzi l-Qorti ser taddotta l-opinjoni tal-perit tekniku li meta xehed fis-seduta tat-12 ta’ Ottubru 2007 (fol. 359) iddikjara li *“fir-rigward ta’ benefikati, kif diga` ghidt, jiena l-konsiderazzjonijiet li hadt huwa mill-provi li tresqu fis-seduti peritali mill-partijiet rispettivi”*. Ovvjament nofs dawn l-ispejjez iridu jaghmlu tajjeb ghalihom il-werrieta ta’ Giovanna Camilleri u n-nofs l-iehor ikunu a karigu tal-werrieta ta’ Carmelo Camilleri.

“Ghal dawn il-motivi u wara li gie michud ir-rikors prezentat mill-konvenuti Paola u Maria ahwa Camilleri tat-3 ta’ Novemberu 2004 (fol. 211), il-Qorti qeghdha taqta’ u tiddeciedi l-kawza (inkluz it-talba rikonvenzjonali) billi:-

---

[12] Imhallef David Scicluna.
[13] Ghalkemm l-atturi Maria u Paola Camilleri qalu (ara nota ta’ sottomissjonijiet) li ghamlu spejjez fil-fond, provi ma tressqux.

"1. Tichad l-eccezzjonijiet ulterjuri moghtija fit-18 ta' Frar 2008 minn Paola u Maria ahwa Camilleri u Jane Sultana u Carmela sive Karen Camilleri in kwantu eccepew li fir-rigward tal-eredita` ta' Carmelo Camilleri l-azzjoni hi milquta mill-preskrizzjoni estintiva kontemplata fl-Artikolu 2143 tal-Kodici Civili (Kap. 16).

"2. Tiddikjara li l-immobbli formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti li kienet tezisti bejn Carmelo u Giovanna konjugi Camilleri huma dawk li jissemmew f'paragrafu numru 3(a) ta' din is-sentenza taht l-intestatura ***"beni formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti bejn Carmelo u Giovanna konjugi Camilleri"***.

"3. Tordna li l-gid formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti li kienet tezisti bejn Carmelo u Giovanna konjugi Camilleri jinqasam fi tnejn, fis-sens:-

"(a) **Porzjon A** tkun tikkonsisti fl-art ta' Mewta, Triq San Blas, Nadur, Ghawdex u l-art tad-Duru, Nadur valur komplessiv ta' hamsa u ghoxrin elf Lira Maltija (Lm25,000); u

"(b) **Porzjon B** tkun tikkonsisti fil-fond numru erbgha u hamsin (54), Triq tas-Sajd, Nadur.

"4. Tordna li l-porzjonijiet A u B jittellghu bix-xorti, u wahda tigi assenjata lill-assi ereditarji ta' Giovanna Camilleri filwaqt li l-ohra tigi assenjata lill-assi ereditarji ta' Carmelo Camilleri.

"5. Tiddikjara li l-assi ereditarji ta' Giovanna Camilleri jikkonsistu f'porzjon A jew B skond liema titla' bix-xorti u l-assi parafernali li ma tressqux provi dwarhom hlief ghad-denunzja ta' proprjeta` taxxabbli (fol. 260) li kienet saret mill-attur Michael Camilleri (illum mejjet).

"6. Tiddikjara li l-assi ereditarji ta' Carmelo Camilleri jikkonsistu f'porzjon A jew B skond liema titla' bix-xorti u l-assi parafernali elenkati f'paragrafu 3(b) ta' din is-sentenza bl-intestatura **"Assi parafernali ta' Carmelo Camilleri"**.

"7. Tahtar lin-Nutar Dr. Michael Refalo sabiex itella' l-polza u jippubblika l-att relattiv fir-rigward ta' porzjonijiet A u B nhar il-Gimgha, 11 ta' April 2008 f'12.00 p.m. jew f'data ohra skond l-ordni li tista' taghti l-Qorti wara li ssir talba f'dan is-sens minn min jista' jkollu nteress, u lill-Avukat Dr. Samuel Azzopardi bhala kuratur sabiex jirraprezenta lill-eventwali kontumaci fuq il-kuntratt u ghal dak kollu li hemm bzonn li jsir in konnessjoni mad-divizjoni li hi meritu tal-kawza.

"8. Tordna li l-assi ereditarji ta' Carmelo Camilleri jinbieghu kollha bil-licitazzjoni in kwantu m'humiex kommodament divizibbli, u (wara li jitnaqqsu l-ispejjez u tithallas is-somma ta' elf, mija u erbgha u sittin Ewro u tmienja u sittin centezmu (€1,164.68)[14] lis-sehem spettanti lil Michael Camilleri u mija u sittax-il Ewro u sitta u erbghin centezmu (€116.46)[15] lil kull wiehed minn Peter Camilleri, Salvu Camilleri u s-sehem spettanti lil Joseph Camilleri) ir-rikavat ghandu jinqasam bejn il-partijiet f'sehem ta' ottava parti ($^1/_8$) lil kull wiehed minn ulied Carmelo Camilleri[16] b'dan li s-sehem ta' Anthony Camilleri ghandu jircevih ukoll il-konvenut Peter Camilleri li kif rajna b'kuntratt tal-5 ta' Settembru 2003 xtara minghand il-konvenut Anthony Camilleri s-sehem ta' ottava parti ($^1/_8$) mill-wirt ta' missierhom. Ghal fini ta' stima l-Qorti qeghda taddotta u taghmel riferenza ghall-valuri kif moghtija mill-perit tekniku u li ssemmew fil-paragrafu numru 3(b) ta' din is-sentenza. Inoltre, il-barranin qeghdin jigu mistiedna biex joffru.

"Spejjez jithallsu mill-partijiet skond il-kwota rispettiva li kull wiehed ghandu fl-ereditatjiet rispettivi, b'dan li l-ispejjez tal-eccezzjonijiet ulterjuri moghti fit-18 ta' Frar 2008 huma a karigu tal-parti li tathom."

[14] Ekwivalenti ghal hames mitt Lira Maltija (Lm500).
[15] Ekwivalenti ghal hamsa u ghoxrin Lira Maltija (Lm25).
[16] Ovvjament wara, ir-rikavat ta' dawk mill-partijiet li mietu fil-mori tal-proceduri (Michael u Joseph ahwa Camilleri) jkun jista' jinqasam bejn il-werrieta skond min huma.

**<u>Rikors tal-appell tal-atturi Jane Sultana u Carmela sive Karen ahwa Camilleri ulied il-mejjet Mikiel Camilleri, u Maria u Paola, xebbiet ahwa Camilleri</u>**

Dawn l-atturi hassewhom aggravati bis-sentenza moghtija in kwantu cahdet it-talba kontenuta fir-rikors tal-appellanti Paola u Maria ahwa xebbiet Camilleri datat 3 ta’ Novembru 2004 u in kwantu dak deciz fl-ewwel, ir-raba’, s-sitt, is-seba’ u t-tmien kapi tas-sentenza moghtija ghar-ragunijiet segwenti:

<u>Rigward id-debita notifika:</u>
L-appellanti jsostnu li ai termini tal-Artikolu 180 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, Michael Camilleri qatt ma seta` jirrapprezenta l-interessi ta’ hutu Paola u Maria Camilleri ghaliex dawn kienu dejjem prezenti u residenti Ghawdex, u ghalhekk in-notifika tal-atti gudizzjarji lil Michael Camilleri ghan-nom ta’ hutu mhix wahda regolari anzi saret b’mod li cahdet lill-appellanti milli jippartecipaw fil-kawza u ghalhekk tali nuqqas ta’ dritt fundamentali “jimpunja l-validita` tas-sentenza”.

Huma jippretendu illi n-notifika kellha ssir fid-dar tar-residenza tal-appellanti Paola u Maria ahwa Camilleri, liema notifika baqghet ma saritx hlief fl-ahhar stadju tal-kawza. Jargumentaw illi d-dritt taghhom ta’ smiegh xieraq kien totalment injorat u l-partecipazzjoni fl-istadju ahhari tal-kawza ftit li xejn setghet taffettwa l-pozizzjoni taghhom, tenut kont tal-fatt li r-rapport peritali u l-istadju tal-provi kienu ilhom li nghalqu.

<u>Rigward il-preskrizzjoni estintiva:</u>

L-ewwel Qorti cahdet l-eccezzjonijiet tal-appellanti in kwantu eccipew li fir-rigward tal-eredita` ta’ Carmelo Camilleri l-azzjoni hija milquta mill- preskrizzjoni estintiva kontemplata fl-Artikolu 2143 tal-Kodici Civili u llikwidat l-assi tal-wirt u assenjat is-sehem spettanti minnu lill-ahwa Camilleri fil-kwoti spettanti lilhom.

L-appellanti jargumentaw illi l-Artikolu 2143, kuntrarjament ghal dak li sostniet il-Qorti, ma jipprekludix l-azzjoni ta' divizjoni izda jinkorpora fih l-azzjonijiet kollha:

"*L-azzjonijiet kollha, reali, personali, jew misti jaqghu bil-preskrizzjoni eghluq tletin sena, u ebda oppozizzjoni ghall-preskrizzjoni ma tista' ssir minhabba n-nuqqas ta' titolu jew ta' bona fidi.*"

L-appellanti jsostnu li ghalkemm issemma' l-Artikolu 496, li jistipula li hadd ma jista' jigi mgieghel jibqa' fi stat ta' komunjoni salv ghall-eccezzjonijiet kontemplati mil-ligi, l-Artikolu 2143 huwa proprju wiehed mill-eccezzjonijiet li tikkontempla l-ligi in kwantu dan jirreferi ghall-azzjonijiet kollha.

Ikomplu jghidu li f'dan il-kaz l-iskadenza ta' tletin sena tfisser li huma gawdew il-pussess tal-proprjeta` kollha mertu ta' din il-kawza derivanti mill-wirt ta' Carmelo Camilleri b'mod esklussiv, mhux interrott, kontinwu u pacifikament minghajr ebda ostakli mill-ahwa l-ohra.

<u>L-eccezzjoni tal-preskrizzjoni akkwizittiva trentennali fl-istadju tal-appell:</u>

Ghalhekk ir-rikorrenti formalment qed jeccepixxu l-preskrizzjoni akkwizittiva trentennali li qed jinvokaw iddekorriet favorihom, liema preskrizzjoni hija deskritta fl-Artikolu 2107(1) tal-Kodici Civili u dan qed jeccepuh ai termini tal-Artikolu 732(1) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li permezz tal-istess, parti hija awtorizzata tqajjem din l-eccezzjoni f'kull stadju tal-proceduri inkluz fl-istadju tal-appell.

**<u>Risposta tal-appell tal-atturi Vincenza Agius, Salvu Camilleri u Pawla armla ta' Joseph Camilleri u ta' uliedha Joseph Camilleri, Natalina mart Joseph Buttigieg, Giacinta mart Paul Sultana, Giovanna sive Jane mart Joseph Theuma u Carmelo Camilleri f'ismu propju u bhala prokuratur ta' hutu msiefra Peter Camilleri, Raymond Camilleri, Maria mart Frank</u>**

**<u>Azzopardi u Margaret mart Salvu Bajada, li dahlu f'din il-kawza flok il-mejjet attur Joseph Camilleri</u>**:

Dawn l-atturi jinsistu li kuntrarjament ghal dak li qed isostnu l-atturi appellanti Jane Sultana u Carmela sive Karen ahwa Camilleri ulied il-mejjet Mikiel Camilleri, u Maria u Paola, xebbiet ahwa Camilleri, is-sentenza appellata jisthoqqilha li tigi konfermata bl-ispejjez kontra l-appellanti. Isostnu li la l-aggravju tan-nuqqas ta' notifiki tal-appellanti Paola u Maria ahwa Camilleri, u lanqas dak tal-allegata uzukapjoni tal-assi tal-missier Carmelo Camilleri minn Mikiel Camilleri allegata minn uliedu Jane Sultana u Carmela sive Karen ahwa Camilleri, ma ghandhom xi bazi fattwali jew legali.

**<u>Risposta tal-Appell tal-konvenut Peter Camilleri:</u>**

L-appellat isostni li l-appell huwa bla bazi u ghandu jigi rigettat u s-sentenza appellata ghandha tigi kkonfermata bl-ispejjez kontra l-appellanti.
Fir-rigward tal-aggravju dwar in-notifiki, l-appellat jispjega li n-notifiki lil Maria u Paola Camilleri dejjem saru fl-indirizz 4, Triq il-Mithna l-Qadima, Nadur, proprju ghaliex fic-citazzjoni li ghamlu flimkien mal-atturi l-ohra huma taw l-indirizz taghhom proprju bhala 4, Triq il-Mithna l-Qadima, Nadur. Ukoll fl-ittra ufficjali tas-27 ta' Settembru 1985, fejn huma flimkien ma' huhom Michael Camilleri talbu lill-kondividenti l-ohra jersqu ghall-qasma tal-beni posseduti minnhom in komun mill-wirt ta' missierhom, huma indikaw l-indirizz taghhom bhala "c/o 4, Old Windmill Street, Nadur", u biex jissostanzja dan l-argument l-appellat esebixxa kopja ta' din l-ittra mmarkata bhala Dok K1.

Huwa jinsisti li ma hu veru xejn li ma kienux jafu bil-kawza ghaliex il-fond 54, Triq tas-Said, Nadur, li skond huma huwa l-fond fejn joqoghdu, huwa proprju wiehed mill-fondi in divizjoni, u l-perit tekniku stess mar f'dan il-post biex jistmah.

Fir-rigward tal-pretiza preskrizzjoni akkwizittiva favur l-appellanti tal-eredita` tal-missier, l-appellat Camilleri jsostni li l-ittra ufficjali tas-27 ta' Settembru 1985

imsemmija, hija l-aqwa prova li kemm l-appellanti Maria u Paola Camilleri kif ukoll Michael Camilleri, l-awtur tal-appellanti l-ohra, kienu qed jippossjedu l-fondi formanti l-assi ta' Carmelo Camilleri bhala komproprjetarji.

**<u>Kunsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

<u>L-ewwel aggravju</u>:

L-appellanti jhossuhom aggravati bil-fatt li minkejja li l-ahwa Paola u Maria Camilleri ma kienux gew notifikati bl-atti fir-residenza taghhom f'Ghawdex, l-ewwel Qorti, in vista tal-fatt li kienu intavolaw rikors fit-3 ta' Novembru 2004 u kienu prezenti fl-ahhar zewg seduti, irriteniet li dan kien bizzejjed biex jikkancella l-fatt li huma qatt ma kienu gew notifikati bl-atti.

Huma jsostnu li ladarba ma jidhirx mid-dokumenti nnifishom li Paola u Maria ahwa Camilleri gew notifikati, ifisser li l-element pertinenti u krucjali ta' notifika lill-partijiet kollha interessati huwa nieqes mill-atti u ghalhekk is-sentenza ghandha tigi dikjarata nulla u bla effett. Jargumentaw illi hawnhekk mhux il-kaz li l-Qorti tqis b'mizien ta' probabbilita` biex tiddetermina jekk l-ahwa Paola u Maria kellhomx ikunu jafu bil-kawza jew le, ghaliex din hija kwistjoni procedurali.

L-appellanti fir-rikors tal-appell taghhom talbu lil din il-Qorti sabiex tirrevoka d-digriet tat-3 ta' Novembru 2004 (sic)[17] u tiddikjara l-istess digriet flimkien mas-sentenza appellata nulli u bla effett ai termini tal-<u>Artikolu 789</u> tal-Kapitolu 12. Jigi osservat li dan l-artikolu jitratta fuq meta tista' tinghata l-eccezzjoni tan-nullita` tal-atti gudizzjarji. Pero` f'dan l-appell ma nghatat ebda eccezzjoni ta' nullita` f'dan is-sens, u ghalhekk din il-Qorti ma tarax kif dan l-istess artikolu citat jista' japplika ghall-appell in kwistjoni. Jigi osservat ukoll li waqt li kienet ghadha ghaddejja l-kawza l-istess Maria u Paola Camilleri qatt ma qajmu l-eccezzjoni li l-kawza u t-talba rikonvenzjonali huma nulli, jew inkella

[17] Jidher li l-appellanti qed jitolbu r-revoka tad-digriet tal-Qorti fir-rigward tar-rikors tat-3 ta' Novembru 2004 u mhux id-"digriet" tat-3 ta' Novembru 2004

talbu li jaghmlu tali eccezzjoni, izda qajmu dan il-punt biss bhala kunsiderazzjoni legali fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom hmistax-il gurnata qabel id-data li fiha kellha tinghata s-sentenza mill-Qorti tal-ewwel grad.

Fi kwalunkwe kaz, din il-Qorti kkunsidrat fit-tul l-ilmenti esposti mill-appellanti fl-ewwel aggravju taghhom u ezaminat bir-reqqa l-atti tal-process ('il fuq minn 397 pagna) li huma fil-fehma taghha rilevanti u relattivi ghal dan l-aggravju, kif ukoll il-partecipazzjoni tal-appellanti fil-kawza (kif kellha okkazjoni tosserva l-ewwel Qorti). Fl-ewwel lok tibda billi tosserva li fuq ic-citazzjoni promotorja gew indikati bhala atturi s-segwenti persuni bis-segwenti indirizzi:

- Michael Camilleri f'ismu proprio u f'isem ohtu msiefra Vincenza Agius; Maria xebba Camilleri u Paola Xebba Camilleri;
4 Triq il-Mithna l-Qadima, Nadur, Ghawdex;

- Joseph Camilleri;
9, Triq Guzepp Vella, Nadur, Ghawdex, u
- Salvu Camilleri;
Saviour House, Triq Salvu Astarita, Zabbar, Malta.

Jidher ghalhekk mic-citazzjoni li l-ahwa xebbiet Maria u Paola Camilleri fethu l-kawza u kienu qeghdin jidhru f'isimhom proprju (ma kienx il-kaz li huhom Michael Camilleri fetah il-kawza ghan-nom taghhom, kif qeghdin jilmentaw li gara) u li joqoghdu fl-indirizz "4, Triq il-Mithna l-Qadima, Nadur" flimkien ma' huhom Michael Camilleri. Ta' min jinnota li meta fl-1985 kienu pprezentaw ittra ufficjali (ara Dok K1 ipprezentata fl-atti tal-appell – fol. 13) flimkien ma' huhom Michael u ohthom Vincenza (li ghaliha dak iz-zmien kienet qed tidher Paola peress li Vincenza kienet imsiefra), li permezz taghha interpellaw lil huthom l-ohra biex jersqu ghad-divizjoni tal-beni posseduti in komun provenjenti mill-wirt ta' missierhom, l-indirizz li kien gie indikat kien ukoll 4, Old Windmill Street, Nadur; biss fil-kaz tal-ittra ufficjali, kuntrarjament ghal kif gara fic-citazzjoni odjerna, qabel l-indirizz tnizzlu l-ittri "c/-".

Ic-citazzjoni odjerna bid-dikjarazzjoni tal-fatti giet ipprezentata u mahlufa minn Michael Camilleri fil-15 ta' Gunju 1992. Il-konvenuti min-naha taghhom ipprezentaw l-eccezzjonijiet taghhom u ghamlu wkoll kontro-talba. In risposta ghall-kontro-talba giet ipprezentata nota tal-eccezzjonijiet mill-"atturi rikonvenuti" fejn gie dikjarat li huma ma jopponux ghat-talba rikonvenzjonali.

Fit-3 ta' Novembru 2004 (fol. 211) Paola u Maria Camilleri pprezentaw rikors fejn sostnew li kien biss ftit taz-zmien qabel li saru jafu li huma parti f'din il-kawza. Huma sostnew li qatt ma kienu awtorizzaw lil huhom Michael Camilleri biex jistitwixxi xi kawza f'isimhom, u li l-istess Michael Camilleri qatt ma kien infurmahom b'dak li kien ghaddej b'mod li mhux biss ma kinux jafu bil-kawza imma wisq anqas kellhom opportunita` li jressqu l-pozizzjoni taghhom. Ghalhekk talbu lill-Qorti tordna li "*ma jibqghux partijiet fil-kawza*[18]*.*"

Fl-1 ta' Marzu 2007 l-ahwa Maria u Paola Camilleri gew notifikati b'rikors ipprezentat fl-20 ta' Dicembru 2006 u bid-digriet relattiv moghti fis-17 ta' Jannar 2007 li permezz tieghu il-Qorti kienet regghet poggiet il-kawza ghas-smiegh ghat-12 ta' April 2007 wara li kienet marret *sine die*. In-notifika lill-ahwa Camilleri jidher li saret fl-indirizz 54, Triq ta' Said, Nadur, u mhux fl-indirizz indikat fuq ic-citazzjoni.

Sussegwentement, fid-9 ta' April 2007, Maria u Paola Camilleri pprezentaw nota fejn iddikjaraw li l-avukat taghhom f'din il-kawza huwa Dr. Chris Said, li huhom Michael kien miet, u li huma qatt ma kienu awtorizzawh jiftah xi kawza f'isimhom. Paola Camilleri dehret ghall-udjenza tat-12 ta' April 2007 u personalment tat ruhha b'notifikata f'isimha u f'isem ohtha Maria Camilleri bl-avviz tal-appuntament.
Fis-seduta tas-6 ta' Lulju 2007 id-difensur ta' Paola u Maria Camilleri ddikjara li ried jeskuti l-perit tekniku u l-Qorti kkoncedietlu erbghin jum biex tigi pprezentata nota

[18] Dan ir-rikors gie michud dakinhar tas-sentenza. Fid-9 ta' Novembru 2004 il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) kienet biss ipprovdiet li "tirrizerva li tipprovdi seduta stante": ara fol. 212

bid-domandi li riedu jaghmlulu. Fis-16 ta' Awwissu 2007 ghamlu rikors fejn talbu iktar zmien, liema rikors gie michud.

Fl-4 ta' Frar 2008 Paola u Maria Camilleri ghamlu rikors li permezz tieghu talbu lill-Qorti tiddegreta r-rikors taghhom tat-3 ta' Novembru 2004 li fih kienu talbu li ma jibqghux parti fil-kawza u minghajr pregudizzju ghall-ewwel talba, talbu wkoll lill-Qorti tawtorizzahom iqajmu l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni trentennali. Il-Qorti, wara li rriservat li tipprovdi dwar ir-rikors tat-3 ta' Novembru 2004 fis-sentenza, awtorizzat lill-ahwa Paola u Maria Camilleri biex jipprezentaw l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni estintiva u huma fil-fatt ghamlu dan fit-18 ta' Frar 2008. Fl-4 ta' Frar 2008 ipprezentaw ukoll in-nota ta' sottomissjonijiet taghhom.

Jidher ghalhekk li anke jekk in-notifika originarjament ma kienitx wahda korretta, minhabba li l-indirizz indikat fir-rigward tal-appellanti ma kienx dak tar-residenza taghhom, l-appellanti certament li kienu notifikati fi stadju iktar 'il quddiem tas-smiegh tal-kawza. L-appellanti jilmentaw li peress li gew innotifikati tardivament, il-partecipazzjoni fl-istadju ahhari tal-kawza ftit li xejn setghet taffetwa l-pozizzjoni taghhom specjalment tenut kont tal-fatt li r-rapport u l-istadju tal-provi kienu ilhom li nghalqu. Pero` ta' min josserva li anke jekk ir-rapport tal-perit kien ilu li gie pprezentat, meta l-Qorti kkonceditilhom zmien sabiex jipprezentaw id-domandi li riedu jaghmlu lill-perit huma lanqas biss indenjaw ruhhom jipprezentawhom fiz-zmien moghti lilhom mill-Qorti, u ghalhekk tilfu l-opportunita`. Di piu` lanqas qatt ma talbu biex iressqu provi li jolqtu l-mertu. Talbu biss l-awtorita` li jressqu l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni estintiva u il-Qorti fil-fatt ma sabet l-ebda oggezzjoni li tawtorizzahom jipprezentawha. Ghalhekk din il-Qorti ma taqbilx li d-dritt taghhom ta' smigh xieraq kien injorat jew li gie b'xi mod lez fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-Kap. 12.

Fir-rigward tar-rikors taghhom tal-2004, fejn talbu li jinhargu mill-proceduri, kif irrilevat l-ewwel Qorti l-atteggjament taghhom ma kienx kompatibbli mal-istess

rikors, u fi kwalunkwe kaz, kif tajjeb osservat l-istess Qorti, bhala werrieta ta' Carmelo Camilleri huma kellhom ikunu fil-kawza anke ghall-finijiet tal-integrita` ta' gudizzju.

Ghalhekk l-ewwel aggravju, fil-fehma ta' din il-Qorti, huwa infondat.

<u>It-tieni aggravju:</u>

L-appellanti hassew ruhhom aggravati bil-fatt li l-ewwel Qorti cahdet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni estintiva sollevata minnhom u jsostnu li kuntrarjament ghal dak li sostniet l-ewwel Qorti, l-Artikolu 2143 (li jistipula li l-azzjonijiet kollha jaqghu bil-preskrizzjoni ta' tletin sena) ma jipprekludix l-azzjoni ta' divizjoni. Jargumentaw illi ghalkemm fil-kawza ***Anna Coleiro v. Michael Portelli*** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-22 ta' Novembru 1905 gie ritenut illi "*L' azione di divizione è imprescrittibile durante il-tempo in cui i coeredi godono i beni con la vesti di comunisti*", fil-kaz odjern l-eredi ma kienux qeghdin igawdu l-proprjeta` flimkien.

L-ewwel Qorti ghamlet riferenza ghad-decizjoni tal-Qorti tal-Appell fil-kawza **Grazia Borg v. Rosa Farrugia nomine et** (deciza fil-15 ta' Marzu 1957) fejn gie ritenut illi "…*l-azzjoni ta' divizjoni hija impreskrittibbli matul iz-zmien li l-konsorti jgawdu l-haga jew hwejjeg komuni bhala komunisti, izda hija preskrittibbli meta l-konsorti ma jibqax igawdi l-haga jew hwejjeg indivizi bhala konsorti u jibda' jipposjedihom separatament u bl-eskluzjoni tal-konsorti l-ohra. Din il-preskrizzjoni hija ta' tletin sena, u tibda tghaddi mill-gurnata li jibda l-pussess separat u esklussiv (Vol XIX-I-120); u biex tigi respinta l-azzjoni tad-divizjoni minhabba l-preskrizzjoni, hija necessarja l-prova ta' pussess pubbliku esklussiv, li minnu timmanifesta ruhha b'mod mhux ekwivoku l-volonta` tat-tgawdija tal-haga komuni kollha (Vol XVI-II-4). Hemm bzonn ghalhekk, li min jinvoka favur tieghu il-preskrizzjoni jkun ipposjeda "animo domini" billi kien jikkunsidra ruhu proprjetarju u kellu l-fehma gusta li kien akkwista l-proprjeta`*".

Ghalhekk f'cirkostanzi fejn xi werrieta jipposjedu l-proprjeta` separatament u bl-eskluzjoni tal-werrieta l-ohra tapplika l-preskrizzjoni akkwizittiva u mhux dik estintiva. Ma kienx allura l-kaz li Maria u Paola jeccepixxu l-preskrizzjoni estintiva izda kellhom se mai jeccepixxu dik akkwizittiva. Isegwi allura li l-ewwel Qorti gustament kellha tichad din l-eccezzjoni taghhom.

L-eccezzjoni tal-preskrizzjoni akkwizittiva:

L-ewwel Qorti fis-sentenza taghha osservat li ma tqajmitx l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni akkwizittiva – veru li l-ahwa Maria u Paola Camilleri invokaw il-preskrizzjoni akkwizittiva fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom, izda kif irriteniet ben tajjeb l-istess Qorti, eccezzjonijiet ghandhom jitqajmu formalment, permezz ta' nota ta' eccezzjonijiet.

Aktarx li kien wara li Paola u Maria Camilleri qraw din il-parti tas-sentenza li thajru jappellaw sabiex ikunu jistghu jqajmu din l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni akkwizittiva proprju fl-istadju tal-appell. Fir-rikors tal-appell taghhom huma formalment eccipew il-preskrizzjoni akkwizittiva trentennali kif deskritta fl-Artikolu 2107(1) tal-Kodici Civili li skond huma ddekorra favur taghhom.

L-appellanti qed jallegaw li l-proprjeta` kollha derivanti minn Carmelo Camilleri ilha tigi okkupata minnhom b'mod esklussiv, mhux interrott, kontinwu u pacifikament minghajr ostakli mill-ahwa kollha. Fin-nota tas-sottomissjonijiet taghhom huma ddikjaraw li ilhom jokkupaw din il-proprjeta` b'dan il-mod mit-13 ta' Jannar 1949, u cioe` mid-data tal-mewt tal-istess Carmelo Camilleri. Huma ma ressqu l-ebda provi fir-rigward ta' din l-eccezzjoni, pero` d-dokument esebit mill-appellat Peter Camilleri (li diga` saret riferenza ghalih aktar 'il fuq) huwa rilevanti hafna ghall-finijiet ta' din l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni akkwizittiva. Dan id-dokument (Dok K1) kif diga` gie spjegat, jikkonsisti f'ittra ufficjali datata 27 ta' Settembru 1985 li permezz taghha l-ahwa Michael, Maria, u Paola (li kienet qed tidher mhux biss f'isimha izda wkoll f'isem l-imsiefra ohtha Vincenza Agius) interpellaw lil huthom l-ohra Pietru, Giuseppi, Salvu u Anthony Camilleri

biex jersqu ghad-divizjoni tal-beni li jipposjedu in komun maghhom, provenjenti lilhom mill-wirt ta' missierhom.

Din hija prova cara li sas-sena 1985 certament ma kienx hemm pussess *animo domini* da parti tal-appellanti odjerni Maria u Paola Camilleri fir-rigward tal-proprjeta` derivanti mill-wirt ta' Carmelo Camilleri. U ghalhekk mhux il-kaz li din il-Qorti tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza biex taghti lill-istess Maria u Paola Camilleri l-opportunita` li jressqu l-provi taghhom fir-rigward ta' din l-eccezzjoni li ghogobhom iqajjmu fl-istadju tal-appell, gialadarba element tant essenzjali tal-preskrizzjoni akkwizittiva huwa nieqes.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti tichad l-aggravji kollha tal-appellanti, tichad ukoll l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni akkwizittiva, u tikkonferma s-sentenza appellata.

L-ispejjez ta' dan l-appell ghandhom jithallsu mill-appellanti solidament bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------